MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 30/2005

**Paola mart Francis Calleja (ID 0208835M), Maria (ID 108133M) u Guza (ID 581039M) xebbiet Delia**

**vs**

**Sapienza u Carmelo ahwa Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-19 ta' Jannar, 2005 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-izgumbrament fi zmien qasir u perentorju li jigi likom iffisat, mit-tliet eghlieqi, ossija oqsma tar-raba msejjha "L-Ghalqa tad-Dar" fi Triq San Beneditto ta' cirka tomna, liema ghalqa kienet imqabbla lil mejjet Grazio Bonnici, hu l-konvenuti li miet gahzeb u bla tfal, u ghaldaqstant il-kirja tad-29 ta' Jannar, 1993 ma ntirtitx skond il-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta u l-konvenuti qeghdin ghalhekk jokkupawha bla titolu, b'mod abbuziv u llegali minkejja li

huma gew kongedati mill-istess b'ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2004.
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru,2004, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizzju tal-fond ma jeccedix Lm25.

Rat illi l-konvenuti baqghu kontumaci.

Rat il-verbali tat-22 ta' Frar, 2005 (fol. 11) u tal-15 ta' Marzu, 2005 (fol. 12) fejn l-atturi ddikjaraw illi hadu pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni fil-mori tal-kawza u zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Fl-isfond tal-verbali fuq imsemmija hu ovvju li ladarba l-atturi hadu pussess ta' l-ghalqa m'ghandhomx aktar interess fil-meritu, pero' la dan it-trapass sar fil-mori tal-kawza allura ghandhom dritt jigu risarciti fl-ammont ta' spejjez li nefqu biex intavolaw il-kawza, spejjez li ma kienux isiru kieku l-konvenuti kienu aktar tempestivi fl-ghoti tal-pussess.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tikkunsidra l-meritu in vista tal-verbali fuq imsemmija, tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------